MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## VINCENT GALEA

Seduta tas-7 ta' Mejju, 2014

Talba Numru. 101/2014

**Reggie CINI (Reginald)**

**Vs**

**Reginald CINI**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tar-rikorrenti minnu mressqha fl-14 ta' Frar 2014** u li permezz taghha talab lill-intimat jhallsu s-somma ta' elf u tlett mitt euro [€1,300] u dan wara li ppremettiet hekk:

> "Illi l-mittenti qeghed jitlob is-somma ta' elf u tlett mitt euro (€1,300) rappreżentanti tlett mitt ewro (€300) prezz ta' sink li twahhal ġewwa l-fond bl-isem ta' Buba Snack Bar u jinstab fi Triq

Sant' Anna, Floriana u elf ewro (€1,000) rappreżentanti s-somma li l-mittenti ghadda lill-konvenut bhala self brevi manu.

Illi minkejja diversi tentattivi u interpellazjonijiet sabiex tali somma tiġi mhallsa, l-konvenut baqgha inadempjenti.

Bl-ispejjez inkluż dawk ta' l-ittra bonarja bejn il-partijiet u l-ittra uffiċjali datata dsatax (19) ta' Novembru tas-sena elfejn u tlettax (2013) bin-numru tnejn, sebgha, sitta tlieta, tlettax (2763/13) kontra l-konvenut li minn issa ngunt ghas-subizzjoni".

Ra **r-risposta tal-intimat** minnu mressqa fl-14 ta' Marzu, 2014 u li permezz taghha huwa rrisponda hekk ghat-talba tar-rikorrenti:

"Illi l-konvenut la issellef is-somma ta' €1,000 Ewro u lanqas huma dovuti xi flus ghal xi sink u dan kif ser jirrizulta waqt is-smiegh u t-trattazzjoni ta' dina l-kawza.

Illi ghalhekk xejn mhu dovut lill-attur.

Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri".

Ra l-ahhar verbal tal-14 ta' April, 2014 fejn il-kawza thalliet ghal lum ghas-sentenza;

Semgha' x-xhieda;

Ra l-atti;

Ikkunsidra:-

1. Permezz ta’ din it-Talba, r-rikorrenti qieghed jitlob minghand missieru l-intimat is-somma ta’ elf u tlett mitt euro in kwantu ghal €1,000 mislufa brevi manu lill-istess intimat mir-rikorrenti u in kwantu ghar-rimanenti €300 rapprezentanti prezz ta’ sink li twahhal mill-intimat ġewwa l-fond bl-isem ta’ Buba Snack Bar fi Triq Sant’ Anna, l-Furjana. L-intimat laqa’ ghal dawn it-talbiet ta’ ibnu billi qal li huwa qatt ma issellef is-somma ta’ €1,000 minghand ir-rikorrenti u lanqas ma ghandu jaghtih xi flus ghas-sink imsemmi u dan kif ser jirrizulta waqt is-smiegh tal-kawza. Ghalhekk, stqarr l-intimat, xejn ma huwa dovut lir-rikorrenti.

Ikkunsidra;

2. **Ir-rikorrenti Reggie Cini**, xehed u qal li huwa kellu sink ta’ l-*istainless steel* kummerċjali. Huwa kien ta dan is-sink lill-intimat sabiex iwahhlu fil-fond Buba’s Snack Bar ġewwa l-Furjana. L-intimat kien qieghed jaghmel xi xogholijiet f’dan il-hanut fuq inkarigu tas-sidien tieghu. Dan is-sink effettivament twehhel u huwa baqa ma rceviex dawn il-flejjes minghand l-intimat. Ghar-rigward tas-somma ta’ €1,000, r-rikorrenti qal li “*... dawn huma dovuti ghal ispejjeż li jiena nkorrejt fihom sabiex tkun tista tiġi ohti li missieri ghandu minn mara ohra u li skoprejt jiena biha dan l-ahhar*” (fol. 15). Zied ighid li huwa kien mar il-bank jistaqsi kemm jiġi f’euro l-ammont ta’ elfejn u mitejn dollaru Awstraljan (AUS $2,200) u l-addett tal-bank qallu li bejn wiehed u iehor dawn jiġu, bejn wiehed u iehor, elf u tmien mitt euro (€1,800). Huwa mar fuq missieru l-intimat u staqsieh jekk riedx li bintu tiġi izzurhom hawn Malta. Ir-risposta ta’ l-intimat kienet fl-affermattiv u r-rikorrenti żied ighid li missieru “*... kien lest illi jhallas elf ewro, il-kumplament sebgha mija u disghin ewro ... hrigthom jiena, dawn ma tlabthomlux*” (fol. 16).

Ir-rikorrenti kompla jghid li huwa hareg l-ispejjez sabiex ohtu tkun tista taqta l-passagg ta’ l-ajru, iżda sal-lum, din kienet ghadha ma ġietx hawn Malta. Ir-rikorrenti esebixxa dokument li juri li huwa kien baghat l-ammont ta’ €1,748.52 (pari ghal AUS$2,200) permezz ta’ *bank transfer* lil ohtu Geraldine Thereesa

Mairu fis-26 ta' Jannar, 2013 (dok. RC 4). Id-dokument immarkat bhala RC 5 jikkonferma dan. Madwar tlett (3) xhur wara, jkompli jghid ir-rikorrenti, huwa kien iltaqa ma missieru l-intimat ġewwa t-Target Garage u hemm, skond ir-rikorrenti, missieru kien qallu li *"... bqajt qatt ma ġejt ghalihom dawk... minghajr ma semmieli l-ammont"* (fol. 16). Dan id-diskors, ighid ir-rikorrenti, sar quddiemu biss. Huwa wieġbu li *"... la qieghed tghidli hekk ghada niġi ghalihom"* (fol. 16). L-ghada mar ghalihom fil-garaxx tieghu ġewwa l-Marsa u s'hin staqsieh jekk kollox kien sew, l-intimat, dejjem skond ir-rikorrenti, wieġbu u qallu *"... lili tkelliminix iżjed inti"* (fol. 16). Madwar erba' (4) xhur wara reggha iltaqa ma l-intimat ghand Twanny il-parrukkier u staqsieh kif kienu ser jibqghu fuq il-flus. It-twegiba tal-intimat, regghet ghal darb'ohra kienet *"tkelliminiex iktar ghax int mhux ibni"* (fol. 16).

Ir-rikorrenti sahaq li huwa ma riedx idahhal lil missieru l-Qorti u fil-fatt kien sahansitra baghtlu tlett (3) ittri. Stqarr li l-avukat tieghu kien infurmah li missieru (cioe l-intimat) kien cempillu u qallu *"ghidt lil ibni ma jahlix hin u jdahhalni l-Qorti"* (fol. 16-17).

In kontro-ezami, r-rikorrenti gie mistoqsi ma minn kien ftiehem il-prezz tas-sink, u huwa wieġeb u qal li dan kien ftehmu ma missieru. Huwa qal li lil tal-Buba's Bar & Take Away jafhom u llum hemm Alison Spiteri, li tiġi bint is-sid li gie nieqes. Qal li Alison Spiteri kienet infurmatu li hi kienet hallset lil intimat l-ammont ta' €300 ghal dan is-sink.

3. **L-intimat**, xehed u qal li waqt li kien qieghed jaghmel xi xoghol ghand id-Da Pippo's Bar & Restuarant ġewwa l-Belt, kien mar fuqu ibnu r-rikorrenti u kien infurmah li ohtu (dik li tghix l-Awtsralja) kienet ghadha ma ghamlitx il-passaport. Huwa kien wieġbu u qallu li hi kienet ghadha ma ghamlitx il-passaport l-ghaliex ma kellhiex flus. Qal li dak il-hin stess, huwa kien qabad u dahhal idejh fil-but u tah is-somma ta' tlett mitt euro (€300) dak il-hin stess. Qallu sabiex imur il-posta bihom u jibghathomla. Dak-in-nhar stess, r-rikorrenti kien infurmah li tal-Buba's kellhom xi biċċa xoghol ghalih. Huwa eventwalment kien mar f'dan il-Bar ġewwa l-Furjana u ftehmu li jbiddilu s-sink

l-ghaliex li kien hemm ma kienx, skond l-intimat, jghaddi mis-Sanita. L-intimat kompla qal li ibnu talbu sabiex ma jafghashomx u qallu ukoll li huwa kellhu sink u kien ser jaghtihulu. Zied ighid li huwa mar fil-garaxx li ibnu ghandu ġewwa San Giljan u hemm gabar is-sink u installah ġewwa l-Buba's Bar & Take Away. L-intimat qal li ta' idejh huwa talabhom €180 u li flus tas-sink ma hax. Qal li ghalih, ir-rikorrenti kien ta dan is-sink b'xejn lil tal-Buba's.

Dwar il-flus li kellhom x'jaqsmu ma bintu (u li tiġi oht ir-rikorrenti), l-intimat qal li "*jiena nichad illi lil ibni ghidtlu li kont ser naghtih elf ewro biex jibghat lit-tifla l-Awtsralja halli hi tkun tista tiġi hawn Malta*" (fol. 18). Dwar l-episodju li sehh fit-Target Garage, l-intimat qal li meta ibnu mar fuq il-post u huwa staqsieh kif baqa fuq ohtu, huwa qallu "*... jiena la rrid naf bik u lanqas b'ohti*" (fol. 18). Dak-in-nhar kien staqsieh jekk huwa kienx baghat il-flus (li kien tah meta kienu ltaqghu Da Pippo) lil ohtu, u t-twegiba tar-rikorrenti, skond l-intimat kienet "*le ma baghthomlix*" (fol. 18). L-intimat qallu sabiex jaghtih lura dawn il-flus halli huwa jkun jista jibghathomlha. Qal li sa dak-in-nhar huwa ma kienx jaf li ibnu kien baghat xi flus l-Awtsralja. Dan id-diskors skond l-intimat sar quddiem Joseph u Roderick Borg, is-sidien ta' Target Garage. Dak il-hin, u quddiem dawn ix-xhieda, l-intimat jghid li ibnu r-rikorrenti qallu "*... t-tlett mitt ewro li kont tajtu jiena meta kont qieghed Da Pippo kienu ghas-sink tal-Buba*" (fol. 18).

L-intimat stqarr ukoll li madwar tlett xhur qabel ma xehed bintu li tghix l-Awtsralja kienet ċemplitlu u qaltlu li huwa r-rikorrenti ried dawn il-flus lura minghandha. Ghalhekk huwa kien fehem li ibnu kien baghat it-tlett mitt ewro (€300) li kien ghaddiehlu u staqsieha kemm kien baghtilha. Hija wiġbitu li kien baghtilha elf ewro (€1,000). Staqsieha jekk kienitx ġejja hawn Malta u r-risposta taghha kienet "*ma nafx*" (fol. 18).

In kontro-ezami huwa qal li huwa kien ser jżomm lil bintu mieghu u li l-passagg mill-Awstralja ghal Malta kien xi sittax-il mitt ewro (€1,600).

4. **Joseph Borg**, prodott mill-intimat qal li huwa pensjonant però jkun ma ibnu Roderick fit-Target Garage. Ftakar illi "*... darba fost l-ohrajn waqt li kont qieghed nahsel it-tazzi fil-kcina l-partijiet kienu qeghdin jargumentaw ghal ftit u telqu l-barra*" (fol. 20). L-argument, kompla jghid ix-xhud, jekk ma kienx sejjer

żball kien dwar xi sink. Mistoqsi x'diskors kien qieghed jinghad ghar-rigward ta' dan is-sink, ix-xhud qal li ma kienx jaf.

5. **Roderick Borg**, ukoll prodott mill-intimat qal li huwa jahdem bhala tellar u *sprayer* fil-garaxx tieghu bl-isem ta' Target Garage. Qal li kien hemm okkazzjoni fejn iz-zewg partijiet kienu l-garaxx tieghu però ma jafx li kienu argumentaw. Mistoqsi jekk kienux issemmew xi sink jew xi kwistjoni dwar flus quddiemu, huwa qal li ma jiftakarx. Mistoqsi mit-Tribunal jekk huwa kienx thallas tax-xoghol li kien ghamel fuq il-vettura tat-tip Pajero tat-tfajla tar-rikorrenti, ix-xhud qal li ma kienx thallas u lanqas ma huwa jippretendi li jithallas u dan peress li "... *l-intimat kien ghamlilna xi xoghol u allura pattejna b'dak il-mod*" (fol. 21).

6. Fis-seduta ta' l-14 ta' April, 2014, xehdet **Alison Spiteri**. Hija bdiet biex tghid li tiftakar li missierha kien inkariga lill-intimat sabiex jaghmillu sink ġewwa l-fond Buba's Bar & Take Away. Peress li missierha kien ma jiflahx, huwa halla f'idejha biex tirranġa ma' l-intimat. Wara li l-intimat kien lesta x-xoghol, hija kienet staqsietu x'kellha taghtih u huwa talabha mija u tmenin euro (€180). Stqarret li "*jiena meta hallastu ma hallastux ta' idejh biss iżda hallastu ta' kollox, tas-sink u ta' idejh*" (fol. 27). Mistoqsija mid-difensur tal-intimat jekk hi kienitx taf min fejn kien gie s-sink li gie installat fil-*bar* taghha, hija wieġbet u qalet li s-sink kien gie minghand ir-rikorrenti. Mistoqsija mit-Tribunal jekk hi riditx thallas tas-sink lir-rikorrenti, x-xhud wieġbet billi qalet li "... *le, hallast lil intimat tas-sink u ta' idejh*" (fol. 27). Mistoqsija mit-Tribunal xoghol iżjed kien ghamel l-intimat fil-hanut taghha, hija wieġbet li "... *qeghdli s-sink biss u nehha li kien hemm*" (fol. 28). Mistoqsija jekk hi kienitx thallas €180 lill-intimat ta' idejh biss, ix-xhud wieġbet fin-negattiv. Regghet irribadiet li "*jiena hallast il-mija u tmenin ewro (€180) ta' kollox, tas-sink u tat-tqeghid u ovvjament li jnehhi li kien hemm*" (fol. 28).

Ikkunsidra ulterjorment;

7. Nibdew biex naraw li f''materja ta' provi, l-apprezzament taghhom, il-piz li ghandhom jinghataw ċertu provi u liema ghandhom jiġu skartati jew eliminati nsibu li fil-kawza fl-ismijiet **Carmelo Farrugia vs Rokku Farrugia** deciza fl-24 ta' Novembru, 1966 l-Onorabbli Prim Awla tal-Qorti Civili qalet li:

*"Illi huwa veru li hemm konflitt kbir bejn il-verzjoni ta' l-attur u dik tal-konvenut, izda mhux kwalunkwe tip ta' konflitt ghandu jhalli lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessita li minhabba fih ma tkunx tista tiddeciedi b'kuxjenza kwieta u jkollha taqa fuq ir-regola ta' l-'in dubio pro reo'. Il-konflitt fil-provi, sakemm il-bniedem jibqa soggett ghal l-izbalji tal-percezzjonijiet tieghu u ghall-passjoni, huma haga li l-Qrati jridu jkunu dejjem lesti ghaliha, imma meta dan il-konflitt ma jkunx gej minn semplici differenza ta' opinjoni fuq affarijiet li jippermettu certu grad ta' tolleranza u li ghalihom sewwa inghad li "tot homines tot sententiae", u lanqas ma jkun gej minn verzjonijiet differenti 'bona fidcidenti li jigru u jintemmu malajr u ghalarrieda, e.g. identita, velocita ta' vejikoli, u cirkostanzi ohra subitanei li fuqhom, skond l-esperjenza komuni, s-sensi jistghu jitqarqu, imma ghal kuntrarju dan il-konflitt jkun jirrigwarda fatti u abitudnijiet li jkunu setghu gew osservati f'perjodu twil ta' snin, bhal f'dan il-kaz, allura jsir car li xi wiehed mill-kontendenti jkun halla l-interess u l-passjoni jelbuh u b'hekk jabbuza mill-process tal-gustizzja. Meta l-kaz ikun hekk, il-Qorti m'ghandix taqa comb fuq l-iskappatoja tad-dubju, imma ghandha tezamina bl-ikbar reqqa jekk xi wahda miz-zewg verzjonijiet, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq bilanc tal-probabilita u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant, eccezzjoni ta' xi kazijiet gravi li m'ghandhomx rassomiljanza mal-kaz prezenti. Anke f'kazijiet bhal dawn, aktar ma jkun il-konflitt bejn verzjoni u ohra, aktar tidher il-possibilita tal-qerq da parti ta' xi wiehed mill-kontendenti*[1]"

8. Il-Qorti, fl-istess sentenza kompliet tghid li:

*"il-konflitt fil-provi huwa haga li l-Qrati jridu minn dejjem ikunu lesti ghaliha. Il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg versjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita' u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-*

[1] Ara ukoll f'dan is-sens **George Bugeja vs Joseph Meilak**, deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' Ottubru, 2003 per Onor. Imhallef Dr. Tonio Mallia u **Gerald Desira et vs Joseph Barbara** deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fid-9 ta' April, 2010 per Imhallef Dr. Ph. Sciberras.

*gudikant*" u "*fil-kamp civili ghal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kriterju ma huwiex dak jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijet forniti lilu, imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja, verosimili. Dan fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, sostrat baziku ta' azzjoni civili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-proponderanza tal-provi, generalment bastanti ghall-konvinciment. Ghax kif inhu pacifikament akkolt, ic-certezza morali hi ndotta mill-preponderanza tal-probabilitajiet. Dan ghad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali fejn il-htija trid tirrizulta minghajr ma thalli dubju ragjonevoli*"[2].

9. Inghad ukoll mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fil-kawza fl-ismijiet **Maria Xuereb vs Clement Gauci et** deciza fl-24 ta' Marzu 2004 li:

   "*Huwa pacifiku f'materja ta' konflitt ta' versjonijiet illi l-Qorti kellha tkun gwidata minn zewg principji fl-evalwazzjoni tal-provi quddiemha:*

   1. *Li taghraf tislet minn dawn il-provi korroborazzjoni li tista' tikkonforta xi wahda miz-zewg verzjonijiet bhala li tkun aktar kredibbli u attendibbli minn ohra ; u*

   2. *Fin-nuqqas, li tigi applikata l-massima "actore non probante reus absolvitur*"

10. Finalment, il-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fil-kawza fl-ismijiet **Joseph Tonna vs Philip Azzopardi** deciza fit-12 ta' April, 2007 stqarret li in materja ta' provi r-regoli l-aktar prevalenti fl-ordinament guridiku taghna jidhru li huma dawn:

---

[2] ara wkoll – **Emanuel Ciantar vs David Curmi noe** deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta` April 2003 per Imhallef Ph. Sciberras u ikkonfermata mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fid-19 ta' Gunju, 2006 u **Kmandant tal-Forzi Armati ta' Malta vs Francis Difesa** deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit- fit-28 ta' Mejju 2003 per Imhallef Ph. Sciberras;

(1) Ibda biex ir-regola tradizzjonali tal-piz tal-provi timponi a kariku tal-parti li tallega fatt l-oneru li ggib il-prova ta' l-ezistenza tieghu. Tali oneru hu ugwalment spartit bejn il-kontendenti, sija fuq l-attur li jsostni l-fatti favorevoli li jikkostitwixxu l-bazi tad-dritt azzjonat minnu (actori incumbit probatio), sia fuq il-konvenut ghas-sostenn tal-fatt migjub minnu biex jikkontrasta l-pretiza ta' l-attur (reus in excipiendo fit actor)[3].

(2) Fil-kors tal-kawza dan il-piz jista joxxilla minn parti ghall-ohra, ghax, kif jinghad, 'jista jkun gie stabbilit fatt li juri prima facie li t-tezi ta' l-attur hija sostenuta'[4].

(3) Il-gudikant adit mill-meritu tal-kaz hu tenut jiddeciedi iuxta allegata et probata, u dan jimporta illi d-decizjoni tieghu tigi estratta unikament mill-allegazzjoni tal-partijiet. Jigifieri, minn dawk ic-cirkustanzi tal-fatti dedotti ghab-bazi tad-domanda jew ta' l-eccezzjoni u l-provi offerti mill-partijiet. Jikkonsegwi illi d-dixxiplina tal-piz tal-provi ssir bazi tar-regola legali tal-gudizzju in kwantu timponi fuq il-gudikant il-konsiderazzjoni li l-fatt allegat mhuwiex veru ghax mhux ipprovat;

(4) Il-valutazzjoni tal-provi hu fondat fuq il-principju tal-konvinciment liberu tal-gudikant. Lilu hu moghti l-poter diskrezzjonali ta' l-apprezzament tar-rizultanzi probatorji u allura hu liberu li jibbaza l-konvinciment tieghu minn dawk il-provi li hu jidhirlu li huma l-aktar attendibbli u idoneji ghall-formazzjoni tal-konvinciment tieghu. Naturalment dik id-diskrezzjoni tieghu hi soggetta ghal dak il-limitu legali impost fuqu mill-Artikolu 218 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili li jrid li fis-sentenza tinghata motivazzjoni ragonata li tikkonsenti l-kontroll tal-hsieb logiku segwit fuq appell interpost mis-sentenza. Motivazzjoni din, li jekk jinstab li tirrispondi mal-logika u r-razzjonalita, kif ukoll koerenti ma' l-elementi utilizzati allura

[3] Ara Kollez. Vol. XLVI.I.5;

[4] Ara Kollez. Vol. XXXVII.I.577;

skond gurisprudenza konkordi, ma tigix disturbata minn Qorti ta' revizjoni[5].

11. Ghar-rigward tal-kwistjoni tas-sink, jirrizulta indubbjament li l-intimat thallas ta' xogholu iżda r-rikorrenti baqa ma thallasx tas-sink. Mill-provi jirrizulta ghas-sodisfazzjon tat-Tribunal illi r-rikorrenti kien ta sink lill-intimat sabiex dan jinstallah fil-fond Buba's Bar & Take Away ġewwa l-Furjana u dan bil-prezz ta' tlett mitt euro (€300). Ix-xhud Alison Spiteri tghid li l-intimat kien talabha s-somma ta' €180 ta' idejh. Hija fehmet li s-sink kien inkluż fil-prezz. Tant hu hekk li meta ġiet mistoqsija mit-Tribunal jekk hija ghadx trid thallas tas-sink lir-rikorrenti, hija wieġbet fin-negattiv. Ghalhekk ghamel hazin l-intimat li talab dak l-ammont biss lix-xhud u ma nfurmahiex li l-€180 kienu ta' idejh biss u mhux tas-sink ukoll. Ta' dan in-nuqqas irid iwieġeb l-intimat u konsegwentement huwa sejjer jkollu jhallas l-ammont ta' €300 lir-rikorrenti.

12. Jifdal biss x'tigi deċiża l-kwistjoni ta' l-elf euro (€1,000) li skond ir-rikorrenti kienu mislufa lill-intimat missieru brevi manu. L-intimat dan jichdu. Jghid li huwa qatt ma ssellef xejn minghand ibnu u li ma kellhu jaghtih xejn. Ir-rikorrenti f'dan ir-rigward spjega li meta kelhu wiehed u erbghin (41) sena, huwa skopra li missieru kellhu tifla minn mara ohra, liema tifla tghix ġewwa l-Awstralja. Huwa kien ikkomunika maghha anke permezz ta' l-iskype u kienu qablu li hija tiġi żżur lil familtha hawn Malta. Ghal dan il-ghan, ir-rikorrenti kien kellem lill-missieru l-intimat u kienu qablu li jibghatulha xi flus sabiex hija tkun tista taghmel passaport u thallas ghal biljett ta' l-ajru. Effettivament hekk ghamel ir-rikorrenti u fis-26 ta' Jannar, 2013 huwa ttrasferixxa l-ammont ta' €1,748.52 pari ghal AUS$2,200 lil ohtu. L-intimat jghid li huwa kien ghadda s-somma ta' €300 lir-rikorrenti meta dawn it-tnejn kienu ltaqghu Da Pippo's Bar & Restuarant ġewwa l-Belt Valletta meta l-intimat kien qieghed jaghmel xi haġa tax-xoghol hemmhekk. Sussegwentement, kienu regghu ltaqghu meta l-intimat kien qieghed it-Target Garage. Skond l-intimat, ir-rikorrenti kien qallu li huwa ma riedx jaf bih u b'ohtu u li ma kienx baghat il-flejjes li huwa kien tah lill-ohtu. B'referenza ghall-ammont ta' €300 l-intimat qal li r-rikorrenti qallu li "*... t-tlett mitt ewro li kont tajtu jiena meta kont qieghed Da Pippo kienu ghas-sink tal-Buba*" (fol. 18). Dan id-diskors kollu inghad, kompla jghid l-intmat, quddiem Joseph u Roderick Borg tat-Target Garage. Meta dawn iz-zewg persuni tressqu biex jixhdu quddiem it-Tribunal, qalu li ma jiftakru xejn ghajr

[5] Ara Kollez. Vol. XXIV.I.104;

ghal Joseph Borg li qal li l-argument kien jirrigwarda s-sink. Pero x'intqal fuq is-sink ma jiftakarx. Roderick Borg qal li meta l-partijiet kienu l-garaxx, huwa ma jafx li kienu argumentaw u ma ftakarx jekk issemmiex is-sink jew il-flus. Ir-rikorrenti da parti tieghu xehed li meta huwa kien mar fuq missieru l-intimat u staqsieh jekk riedx li bintu (li tiġi oht ir-rikorrenti) tiġi hawn Malta, huwa kien wieġbu fl-affermattiv u li kien lest li "... *jhallas elf ewro*" (fol. 16). A bażi ta' dan il-ftehim, ir-rikorrenti baghat l-ammont ta' €1,748.52 lill-ohtu. Mehud kollox in konsiderazzjoni u l-komportament tar-rikorrenti waqt id-deposizzjoni u tul dawn il-proceduri u fuq bażi ta' probabilita, t-Tribunal huwa konvint li l-verzjoni tar-rikorrenti hija aktar kredibbli minn dik ta' l-intimat f'dan ir-rigward u konsegwentement sejjer jilqa t-talba tieghu f'dan ir-rigward.

Ghalhekk, it-Tribunal, jaqta u jiddeċiedi dan il-kaz billi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet kollha mqanqla mill-intimat fir-risposta tieghu in kwantu dawn huma inkompatibbli ma dak hawn fuq deċiż, qieghed jilqa t-talba tar-rikorrenti u konsegwentement jikkundanna lill-intimat ihallas lill-istess rikorrenti s-somma ta' elf u tlett mitt euro [€1,300] bl-imghaxijiet legali fuq dan l-ammont jibdew jiddekorru mid-data ta' l-ittra uffiċjali numru 2763/13 u cioe mid-19 ta' Novembru, 2013.

L-ispejjez huma kollha a kariku tal-intimat.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------